KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKATA ĠENERALI
ĆAPETA
ippreżentati fil-21 ta' Marzu 2024[1]

Kawża C-494/22 P

Il-Kummissjoni Ewropea
vs

Ir-Repubblika Ċeka

"Appell – Riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea – Dazji doganali – Obbligi tal-Istati Membri – Pagament lill-Kummissjoni Ewropea ta' ammonti li jikkorrispondu għal riżorsi proprji mhux irkuprati – Investigazzjoni dwar l-evitar tad-dazji antidumping tal-lajters tal-but li joriġinaw mil-Laos – Rapport tal-missjoni tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) – Azzjoni bbażata fuq l-arrikkiment indebitu – Artikoli 268 u 340 TFUE"

I. Introduzzjoni

1. Kif jgħidu, fuq tlieta toqgħod il-borma.

2. Din il-kawża tirrappreżenta t-tielet darba li r-Repubblika Ċeka ppruvat tressaq quddiem il-qrati tal-Unjoni Ewropea tilwima mal-Kummissjoni Ewropea dwar l-obbligu ta' kreditu tar-riżorsi proprji tal-Unjoni. Din issegwi tentattivi ta' dan l-Istat Membru sabiex jippreżenta, l-ewwel, rikors għal annullament skont l-Artikolu 263 TFUE (sabiex jikkontesta l-ittra tal-Kummissjoni li titlob il-pagament)[2] u, it-tieni, rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni skont l-Artikolu 265 TFUE (minħabba n-nuqqas tal-Kummissjoni li tippreżenta azzjoni għal ksur kontrih)[3].

3. Fil-fatt, fis-sentenza prinċipali tagħha fil-kawża Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Kummissjoni[4], il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, meta Stat Membru ma jaqbilx mal-Kummissjoni fir-rigward tal-obbligi tiegħu fil-qasam tar-riżorsi proprji, rikors għal annullament ma huwiex possibbli u l-Kummissjoni lanqas ma tista' tkun obbligata tibda proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu. Min-naħa l-oħra, l-Istat Membru jista' jitlob kumpens minħabba l-arrikkiment indebitu tal-Unjoni u jippreżenta rikors quddiem il-Qorti Ġenerali għal dan l-għan.

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 Ara d-digriet tat-28 ta' Ġunju 2018, Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Kummissjoni (T-147/15, mhux ippubblikat, EU:T:2018:395), li fih il-Qorti Ġenerali ddikjarat dan ir-rikors inammissibbli; dan ġie kkonfermat fl-appell permezz tas-sentenza tad-9 ta' Lulju 2020, Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Kummissjoni (C-575/18 P, EU:C:2020:530).

3 Ara d-digriet tat-30 ta' Settembru 2020, Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Kummissjoni (T-13/19, mhux ippubblikat, EU:T:2020:455), li permezz tiegħu r-Repubblika Ċeka rrinunzjat għal dan ir-rikors.

4 Ara s-sentenza tad-9 ta' Lulju 2020 (C-575/18 P, EU:C:2020:530, punti 52 sa 84).

4. Għalhekk, fil-prattika, Stat Membru għandu jikkredita l-ammont ta' riżorsi proprji tal-Unjoni inkwistjoni fil-kont tal-Kummissjoni sabiex jevita li jkollu jħallas interessi moratorji fil-każ li jitlef it-tilwima. Wara dan, meta titlob ir-rimbors ta' dan l-ammont permezz tal-azzjoni bbażata fuq l-arrikkiment indebitu tal-Unjoni, l-Istat Membru jista' jipproduċi l-prova li l-Kummissjoni wettqet żball.

5. Ir-Repubblika Ċeka għamlet proprju dan. Issa li ġie megħlub l-ostakolu proċedurali, il-kwistjoni sostantiva mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell hija dik dwar jekk dan l-Istat Membru jew il-Kummissjoni fehmux b'mod korrett ir-regoli baġitarji tal-Unjoni.

6. Permezz tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Mejju 2022, Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Kummissjoni (T-151/20, EU:T:2022:281; iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata"), il-Qorti Ġenerali laqgħet parzjalment ir-rikors tar-Repubblika Ċeka dwar arrikkiment indebitu. Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, essenzjalment, li r-Repubblika Ċeka setgħet tiġi eżentata mill-obbligu tagħha li tħallas ċerti ammonti ta' riżorsi proprji li kienu rriżultaw impossibbli li jiġu rkuprati u li hija kellha dritt tistenna rapport tal-missjoni mibgħut mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (iktar 'il quddiem l-"OLAF")[5] qabel ma tieħu l-miżuri neċessarji sabiex iddaħħal dawn l-ammonti fil-kontijiet korrispondenti.

7. Fl-appell, il-Kummissjoni ssostni li r-Repubblika Ċeka kienet obbligata, skont id-dritt tal-Unjoni, tħallas l-ammonti kontenzjużi kollha u li ma kienx hemm arrikkiment indebitu tal-Unjoni.

8. Din il-kawża tqajjem għalhekk kwistjonijiet importanti ta' prinċipju u ta' prattika fir-rigward tal-obbligi tal-Istati Membri taħt id-dritt tal-Unjoni dwar ir-riżorsi proprji. Id-domandi prinċipali huma essenzjalment tnejn. L-ewwel waħda teżiġi interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk dħul tardiv fil-kontijiet minn Stat Membru jipprekludix li dan l-Istat Membru jinħeles mill-obbligi tiegħu li jagħmel disponibbli riżorsi proprji. It-tieni waħda tirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk ir-Repubblika Ċeka kinitx tardiva meta stabbilixxiet u daħħlet l-intitolamenti tal-Unjoni fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ peress li stenniet ir-rapport tal-missjoni tal-OLAF.

II. Sfond

A. Is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni u d-dritt rilevanti tal-Unjoni

9. L-Unjoni tibbaża ruħha fuq baġit ibbilanċjat li huwa ffinanzjat prinċipalment mir-riżorsi tagħha stess. Ir-riżorsi proprji tal-Unjoni huma essenzjalment dħul li jmur awtomatikament fil-baġit tal-Unjoni, mingħajr il-ħtieġa ta' deċiżjoni sussegwenti mill-awtoritajiet tal-Istati Membri[6].

[5] L-OLAF huwa servizz jew dipartiment fi ħdan il-Kummissjoni. Dan inħoloq fl-1999 sabiex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-frodi u attivitajiet illegali oħra li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Ara, b'mod partikolari, l-Artikoli 1 u 2 kif ukoll il-premessi 1 sa 4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/352/KE, KEFA, Euratom tat-28 ta' April 1999, li Twaqqaf l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 110).

[6] Il-Kummissjoni Ewropea, *European Union Public Finance*, ir-raba' edizzjoni, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, il-Lussemburgu, 2008, p. 135.

10. Hemm diversi tipi ta' riżorsi proprji tal-Unjoni, inklużi riżorsi proprji tradizzjonali (iktar 'il quddiem ir-"RPT"), li huma prinċipalment dazji doganali fuq prodotti importati minn pajjiżi terzi [7]. Ir-RPT huma sors dirett ta' dħul għall-Unjoni, li ma jiddependix fuq il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri [8]. Huma ddefiniti b'mod sħiħ mil-leġiżlatur tal-Unjoni [9] u r-rwol tal-Istati Membri fil-kuntest tal-ġbir u tat-trasferiment tagħhom huwa purament strumentali [10].

11. Madankollu, peress li l-Unjoni Ewropea ma għandhiex il-kolletturi tat-taxxa tagħha stess, l-Istati Membri għandhom jiġbru d-dazji doganali u jħallsuhom ("jagħmluhom disponibbli" fit-terminoloġija tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni) lill-baġit tal-Unjoni billi jiddepożitawhom f'kont f'isem il-Kummissjoni (filwaqt li jistgħu jżommu ċertu perċentwal għall-ispejjeż tal-ġbir).

12. Għalhekk, fil-qosor, ir-RPT huma flus tal-Unjoni, iżda l-Unjoni għandha toqgħod fuq l-Istati Membri sabiex tiksibhom.

13. Konsegwentement, is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni hija rregolata minn qafas legali speċifiku tal-Unjoni [11], li huwa l-qofol ta' din il-kawża. F'din is-sistema, l-Istati Membri ma għandhom l-ebda marġni ta' diskrezzjoni u għandhom jagħmlu disponibbli r-riżorsi proprji skont ir-regoli (inklużi l-limiti ta' żmien) stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar ir-riżorsi proprji [12].

14. Id-Deċiżjonijiet 2000/597/KE, Euratom [13] u 2007/436/EC, Euratom [14], kif ukoll ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1150/2000 (KE, Euratom) [15], huma rilevanti f'dan il-każ.

[7] Kategoriji oħra ta' riżorsi proprji tal-Unjoni huma dawk ibbażati fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem il-"VAT"), fuq l-introjtu nazzjonali gross (iktar 'il quddiem l-"ING") u fuq l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik mhux riċiklat (introdott fl-2021).

[8] Ir-RPT irrappreżentaw madwar 16 % tad-dħul tar-riżorsi proprji fl-2022, b'valur ta' EUR 23.5 biljun. Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri, Il-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022, COM (2023) 391 finali, 28 ta' Ġunju 2023, punt 5.1, p. 25 u punt 3.6.1, p. 149.

[9] Wara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 70/243 KEFA, KEE, Euratom, tal-21 ta' April 1970, dwar is-sostituzzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri bir-riżorsi proprji tal-Komunitajiet (ĠU 1970, L 94, p. 19).

[10] Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Geelhoed fil-kawża Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka (C-392/02, EU:C:2005:142, punt 11). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer fil-kawżi Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja *et* (C-284/05, C-294/05, C-372/05, C-387/05, C-409/05, C-461/05 u C-239/06, EU:C:2009:67, punt 72, in-nota ta' qiegħ il-paġna 39), li jenfasizzaw li d-dazji doganali huma "[i]nklużi bid-definizzjoni indikattiva ta' riżorsi proprji 'tradizzjonali' jew 'min-natura', billi jidħlu esklużivament mill-politika Komunitarja u mhux mir-rieda tal-Istati."

[11] Matul is-snin, il-Kunsill adotta deċiżjonijiet li jistabbilixxu s-sistema tar-riżorsi proprji, li, abbażi ta' dak li issa sar it-tielet paragrafu tal-Artikolu 311 TFUE, għandhom jiġu approvati mill-Istati Membri konformement mar-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom. Dawn id-deċiżjonijiet għandhom jiġu implimentati permezz ta' regolamenti li l-Kunsill jadotta bil-kunsens tal-Parlament Ewropew abbażi tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 311 TFUE jew wara konsultazzjoni mal-Parlament u mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri abbażi tal-Artikolu 322(2) TFUE.

[12] Fis-sentenzi tad-9 ta' Lulju 2020, Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Kummissjoni (C-575/18 P, EU:C:2020:530, punt 62), u tat-8 ta' Marzu 2022, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (Ġlieda kontra l-Frodi tas-Sottovalutazzjoni) (C-213/19, EU:C:2022:167, punt 345), il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-ġestjoni tas-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni hija fdata lill-Istati Membri u li l-obbligi ta' ġbir, ta' stabbiliment u ta' tqegħid għad-dispożizzjoni huma imposti direttament fuqhom skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar ir-riżorsi proprji.

[13] Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/597/KE, Euratom tad-29 ta' Settembru 2000 dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1 Vol. 3 p. 200).

[14] Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/EC, Euratom tas-7 ta' Ġunju 2007, dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU 2007, L 163, p. 17).

[15] Regolament tal-Kunsill Nru 1150/2000 (KE, Euratom) tat-22 ta' Mejju 2000 li jimplimenta d-Deċiżjoni 94/728/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 169 kif emendat fiż-żmien tal-fatti bir-Regolament tal-Kunsill 2028/2004 (KE, Euratom) tas-16 ta' Novembru 2004 (ĠU 2006, L 153M, p. 162), u bir-Regolament tal-Kunsill Nru 105/2009 (KE, Euratom) tas-26 ta' Jannar 2009 (ĠU 2009, L 36, p. 1). Ir-Regolament Nru 1150/2000 ġie sussegwentement imħassar bir-Regolament tal-Kunsill Nru 609/2014 (UE, Euratom) tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti (ĠU 2014, L 168, p. 39), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill 2022/615 (UE, Euratom) tal-5 ta' April 2022 sabiex tittejjeb il-prevedibbiltà għall-Istati Membri u biex jiġu ċċarati l-proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim meta jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u l-ING (ĠU 2022, L 115, p. 51).

15. Ir-Regolament Nru 1150/2000 jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet dwar it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni tar-riżorsi proprji. Dan isir fi tliet stadji. L-ewwel nett, Stat Membru għandu *jistabbilixxi l-intitolamenti tal-Unjoni*, li huma rregolati mill-Artikolu 2 tiegħu. It-tieni nett, dan l-Istat Membru għandu *jdaħħal dawn l-intitolamenti* fil-kontijiet konformement mal-Artikolu 6 tiegħu. It-tielet nett, skont l-Artikoli 9 u 10 tal-imsemmi regolament, l-Istat Membru għandu *jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni l-ammont stabbilit* billi jikkredita l-kont ta' din tal-aħħar mal-ammont korrispondenti għall-imsemmija intitolamenti.

16. Fir-rigward tal-istabbiliment tal-intitolamenti, l-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 1150/2000 jagħmel konnessjoni mal-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni. Huwa jipprevedi li l-intitolament tal-Unjoni għar-RPT għandu jiġi stabbilit "malli l-kondizzjonijiet li hemm dispożizzjoni dwarhom bir-regolamenti tad-dwana jkunu twettqu rigward id-dħul għall-intitolament fil-kontijiet u n-notifikazzjoni tad-debitur"[16]. Skont l-Artikolu 2(2) ta' dan ir-regolament, id-data tat-twaqqif hija d-"data tad-dħul fil-kotba tal-kontijiet li hemm dispożizzjoni dwarhom fir-regolament doganali".

17. Fir-rigward tad-dħul tal-intitolamenti fil-kontijiet, l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 1150/2000 jobbliga lill-Istati Membri jżommu kontijiet speċifiċi għar-riżorsi proprji[17]. Skont l-Artikolu 6(3) ta' dan ir-regolament, l-Istati Membri għandhom, fit-terminu stabbilit[18], jinkludu r-RPT f'wieħed miż-żewġ kontijiet. F'sitwazzjoni regolari, jiġifieri meta jkunu rċevew ammonti dovuti jew ikunu rċevew garanzija mingħand id-debitur, huma għandhom jirreġistraw l-intitolament fil-kont normali, imsejjaħ "Kont A". Madankollu, jekk l-ammonti ma jkunux ġew irkuprati mid-debitur jew garantiti, jew jekk l-ammonti garantiti jkunu ġew ikkontestati u jistgħu jiġu emendati, l-Istati Membri għandhom idaħħlu l-intitolamenti tal-Unjoni f'kont separat, imsejjaħ il-"kont B".

18. Dwar it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni tar-riżorsi proprji, l-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 1150/2000 jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jikkreditaw ir-riżorsi proprji fil-kont miftuħ f'isem il-Kummissjoni skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10. Skont l-Artikolu 10(1) ta' dan ir-regolament, wara tnaqqis tal-ispejjeż tal-ġbir, id-dħul tar-riżorsi proprji mill-kont A għall-kont tal-Kummissjoni għandu jsir f'terminu bbażat fuq id-dħul tal-intitolamenti, filwaqt li, għar-riżorsi proprji li joriġinaw mill-kont B, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'terminu bbażat fuq il-mument meta l-intitolamenti jkunu ġew irkuprati. Skont l-Artikolu 11 tiegħu, kull dewmien fit-tqegħid għad-dispożizzjoni tar-riżorsi proprji lill-Kummissjoni jagħti lok għall-ħlas ta' interessi.

19. L-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 1150/2000, jirrikjedi li l-Istati Membri "jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jassiguraw li l-ammont korrispondenti ta' l-intitolament stabbilita permezz ta' l-Artikolu 2 isir magħmul disponibbli lill-Kummissjoni kif speċifikat f'dan ir-Regolament".

[16] Artikolu 217(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307; iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Doganali"), fil-verżjoni tiegħu applikabbli fil-mument tal-fatti, kien jipprevedi: "Kull ammont ta' dazju fuq l-importazzjoni jew dazju fuq l-esportazzjoni li jirriżulta minn dejn doganali, minn hawn 'l isfel imsejjaħ 'ammont ta' dazju', għandu jiġi kalkolat mill-awtoritajiet doganali malli jkollhom id-dettalji neċessarji, u għandu jiddaħħal minn dawk l-awtoritajiet fil-kotba tal-kontijiet jew f'kull mezz ieħor ekwivalenti (dħul fil-kontijiet)." Dan ir-regolament kien imħassar iktar tard mir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU 2013, L 269, p. 1), li jinkludi dispożizzjonijiet simili f'dan ir-rispett (ara l-Artikolu 101(1) u 104(1) tiegħu).

[17] Il-premessa 11 tar-Regolament Nru 1150/2000 tipprevedi: "Kontijiet separati għandhom jinżammu għal intitolamenti li ma jkunux ġew irkuprati. Dawn il-kontijiet u s-sottomissjoni ta' stqarrija ta' kull tliett xhur ta' dawn il-kontijiet għandhom jiffaċilitaw lill-Kummissjoni biex tissorvelja aktar mill-qrib l-azzjoni meħudha minn Stati Membri biex jiġbru r-riżorsi tagħha, u partikolarment dawk kompromessi bi frodi jew irregolaritajiet."

[18] "mhux aktar tard mill-ewwel jum tax-xogħol wara d-19-il jum tat-tieni xahar tax-xahar ta' wara li matulu l-intitolament ikun stabbilit."

20. Madankollu, għal intitolamenti mdaħħla fil-kont B, Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000, fil-verżjoni tiegħu applikabbli fiż-żmien tal-fatti, jipprevedi li l-Istati Membri għandhom "jinħelsu mill-obbligu li jpoġġu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni l-ammonti li jikkorrispondu għal intitolamenti stabbiliti skont l-Artikolu 2 li jirriżultaw bħala irrekuperabbli minħabba xi waħda mir-raġunijiet li ġejjin: (a) raġunijiet ta' *force majeure*; (b) raġunijiet oħra li ma jistgħux jiġu attribwiti lilhom."

21. Skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000, l-ammonti ta' intitolamenti stabbiliti għandhom jitqiesu bħala irrekuperabbli "sa mhux aktar tard, wara perjodu ta' ħames snin mid-data li fiha l-ammont ikun ġie stabbilit skont l-Artikolu 2" jew, fil-każ ta' appell, id-deċiżjoni finali tkun ingħatat, ġiet innotifikata jew ippubblikata. Dawn l-ammonti irrekuperabbli għandhom jitneħħew definittivament mill-kont B[19].

22. Skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17(3) u (4) tar-Regolament Nru 1150/2000, l-Istati Membri huma meħtieġa jirrapportaw lill-Kummissjoni f'każijiet fejn l-ammonti irrekuperabbli jaqbżu l-EUR 50 000 (spiss identifikati bħala rapporti ta' tħassir). Sussegwentement, il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha, sabiex tevalwa l-ġustifikazzjoni tal-iżvelar mill-Istat Membru skont l-Artikolu 17(2), kif kien il-każ f'din il-kawża.

B. Fatti li wasslu għall-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali

23. Din il-kawża taqa' fil-kuntest ta' tilwima bejn ir-Repubblika Ċeka u l-Kummissjoni dwar il-kwistjoni jekk dan l-Istat Membru stabbilixxiex tardivament ċerti ammonti li jikkorrispondu għar-riżorsi proprji tal-Unjoni peress li stenna informazzjoni mill-OLAF. Li jmiss hija s-sekwenza tal-avvenimenti li taw lok għal din il-kawża.

24. Fl-2001, l-Unjoni imponiet dazji antidumping fuq lajters tal-but li joriġinaw miċ-Ċina[20]. Konsegwentement, saru sforzi sabiex dawn id-dazji jiġu evitati u saru tentattivi sabiex jiġu importati lajters fl-Unjoni b'oriġini ddikjarata b'mod falz minn għadd ta' pajjiżi fix-Xlokk tal-Asja, fosthom il-Laos, bi ksur tad-dritt tal-Unjoni.

25. BAIDE Lighter Industry (LAO) Co., Ltd. hija kumpannija fil-Laos li kienet timporta lajters tal-but fl-Unjoni permezz tal-kumpannija Ewropea tagħha, Baide International (Europe) s.r.o., fi Praga (ir-Repubblika Ċeka). Ser nirreferi kollettivament dawn il-kumpanniji bħala "Baizza".

26. Fit-22 ta' Marzu 2006, l-awtoritajiet Ċeki stabbilixxew profil tar-riskju (iktar 'il quddiem il-"profil tar-riskju"), li jindika li kien hemm suspett raġonevoli ta' evitar tal-leġiżlazzjoni doganali f'dak li jirrigwarda l-importazzjonijiet ta' lajters u kien jimponi kontrolli interni.

27. Fit-13 ta' April 2006, l-awtoritajiet Ċeki bagħtu ittra lill-OLAF, li tipprovdi informazzjoni dwar il-każijiet ta' importazzjoni ta' lajters u ssemmi suspetti ta' frodi mwettqa minn impriżi, fosthom Baide.

28. Fit-28 ta' Awwissu 2006, l-awtoritajiet Ċeki fetħu investigazzjoni dwar Baide.

[19] Ara l-ħames subparagrafu tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000.

[20] Dawn kienu lajters tal-but, tal-gass u ż-żnied, li ma jistgħux jerġgħu jimtlew u li jistgħu jerġgħu jimtlew. Ara r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1824/2001 tat-12 ta' Settembru 2001 li jimponi dazju definittiv kontra x-xiri taħt il-prezz (dumping) fuq l-importazzjoni ta' lighters zgħar tal-gass u żnied, li ma jimtlewx li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u kunsinnati minn jew joriġinaw mit-Tajwan u fuq l-importazzjoni ta' ċertu lighters zgħar taż-żnied li jimtlew li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u kunsinnati minn jew joriġinaw mit-Tajwan (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 038, p. 143).

29. Fit-2 ta' Novembru 2006, l-awtoritajiet Ċeki aġġornaw il-profil tar-riskju.

30. Fl-20 ta' Diċembru 2006, l-OLAF fetaħ investigazzjoni fuq l-importazzjonijiet ta' lajters provenjenti mil-Laos għall-perijodu bejn l-2004 u l-2006.

31. Fit-30 ta' April 2007, l-OLAF adotta komunikazzjoni ta' assistenza reċiproka, li ntbagħtet lill-Istati Membri sabiex tavżahom bl-allegata frodi u titlob informazzjoni addizzjonali.

32. Mit-2 sas-26 ta' Novembru 2007, missjoni tal-Unjoni żaret il-Laos u t-Tajlandja sabiex tinvestiga l-allegat evitar tad-dazji antidumping fuq il-lajters importati mil-Laos fl-Unjoni għall-perijodu bejn l-2004 sal-2007 (iktar 'il quddiem il-"missjoni"). It-tim tal-missjoni tal-Unjoni kien magħmul minn uffiċjali tal-OLAF u mill-awtoritajiet doganali tar-Repubblika Ċeka, tal-Ġermanja u tar-Renju Unit, it-tliet Stati Membri meqjusa li huma prinċipalment ikkonċernati minn dan it-traffiku.

33. Matul il-missjoni, fil-15 ta' Novembru 2007, il-membri tat-tim tal-missjoni tal-Unjoni u l-awtoritajiet tal-Laos stabbilixxew u ffirmaw il-Minuti Konġunti Miftiehma (iktar 'il quddiem il-"minuti konġunti")[21]. Dawn il-minuti ddeskrivew il-kuntest u l-konklużjonijiet tal-missjoni u kienu jinkludu serje ta' dokumenti annessi.

34. B'mod partikolari, il-minuti konġunti kienu jirreferu għall-investigazzjoni preliminari mwettqa mill-awtoritajiet tal-Laos qabel il-missjoni, li kkonkludiet li 96 mill-110 kunsinna fil-lista tal-importazzjonijiet tal-Unjoni kienu esportazzjonijiet mill-ġdid ta' lajters Ċiniżi importati, filwaqt li l-14-il kunsinna li kien fadal kienu jikkonsistu f'lajters li joriġinaw mil-Laos. Dawn il-minuti kienu jsemmu wkoll informazzjoni u dokumenti addizzjonali miksuba mill-awtoritajiet tal-Laos kif ukoll iż-żjara fil-bini ta' Baien fil-Laos. Huma indikaw ukoll li kien ġie miftiehem li l-awtoritajiet tal-Laos kellhom iwettqu stħarriġ ġdid dwar ċerti kunsinni addizzjonali identifikati matul il-missjoni u li t-tim tal-missjoni tal-Unjoni kien ser jissottometti talba ġdida lil ċerti awtoritajiet tal-Laos sabiex ifittxu dikjarazzjonijiet doganali dwar il-kunsinni kollha kkonċernati.

35. Wara r-ritorn tal-missjoni, l-OLAF kien aċċetta li jikkomunika l-provi miġbura matul il-missjoni fir-Repubblika Ċeka fil-bidu tas-sena 2008. Madankollu, l-OLAF ikkomunika tardivament ir-rapport tiegħu li miegħu kienu mehmuża l-provi.

36. Fis-6 ta' Mejju 2008, Baide temmet l-attivitajiet tagħha fir-Repubblika Ċeka.

37. Fit-30 ta' Mejju 2008, l-OLAF adotta rapport dwar il-missjoni (iktar 'il quddiem ir-"rapport tal-missjoni tal-OLAF"). Dan ir-rapport kien jinkludi sommarju tal-missjoni, ir-riżultati u r-rakkomandazzjonijiet tal-OLAF u kien akkumpanjat minn provi miġbura matul il-missjoni.

38. B'mod partikolari, ir-rapport tal-missjoni tal-OLAF ġabar fil-qosor l-informazzjoni riċevuta matul il-missjoni, u indika li l-informazzjoni disponibbli fil-Laos flimkien ma' dik ipprovduta mill-Istati Membri ppermettiet lill-OLAF jipprepara rekord tal-awditjar komplut għas-67 kunsinna importati fl-Unjoni. Dan ir-rapport ikkonkluda li Baide importat il-lajters miċ-Ċina fil-Laos u esportathom mill-ġdid fl-Unjoni permezz tat-Tajlandja, u b'hekk evadiet id-dazji antidumping.

[21] Minuti Komuni Miftiehma, Vientiane, 15 ta' Novembru 2007, "Community Mission of administrative co-operation for the Verification of origin of flint operated lighters exported from Lao P.D.R. to the European Community", Lao P.D.R., 6 sas-16 ta' Novembru 2007.

39. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-OLAF li jinsabu f'dan ir-rapport kienu jippreċiżaw fil-parti rilevanti tagħhom: "Huwa ritenut li l-provai tal-oriġini Ċiniża stabbiliti fil-kors tal-missjoni huma biżżejjed sabiex l-Istati Membri jibdew proċeduri amministrattivi għall-irkupru tad-dazji."

40. Fid-9 ta' Lulju 2008, ir-rapport tal-missjoni tal-OLAF ġie nnotifikat lir-Repubblika Ċeka.

41. Fl-4 ta' Awwissu 2008, ir-Repubblika Ċeka rċeviet verżjoni bil-lingwa Ċeka tar-rapport tal-missjoni tal-OLAF bi tweġiba għat-talba tagħha.

42. Fil-11 ta' Awwissu 2008, saret laqgħa bejn l-awtoritajiet Ċeki dwar l-azzjoni li kellha tittieħed. Fl-istess jum, l-awtoritajiet Ċeki wettqu spezzjoni fil-bini ta' Baide fi Praga u skoprew li din il-kumpannija kienet tneħħiet mir-Reġistru u ħarġet mill-bini mis-6 ta' Mejju 2008.

43. Minn Settembru 2008, l-awtoritajiet Ċeki ħadu miżuri sabiex jaġġustaw u jirkupraw, bi ftit suċċess, id-dazji fi 28 każ ta' lajters importati minn Baide fir-Repubblika Ċeka u rrilaxxati għal ċirkulazzjoni libera bejn is-26 ta' Settembru 2005 u l-1 ta' Marzu 2007.

44. Bejn it-22 ta' Settembru 2008 u t-18 ta' Frar 2009, ir-Repubblika Ċeka stabbilixxiet l-intitolamenti dovuti minn Baide u daħħlet l-ammonti li jikkorrispondu għall-intitolamenti stabbiliti iżda li għadhom ma ġewx irkuprati fir-rigward ta' dawn il-każijiet fil-kont B skont l-Artikolu 6(3)(b) tar-Regolament Nru 1150/2000.

45. Fl-10 ta' Diċembru 2008, l-OLAF adotta rapport tal-każ finali dwar l-investigazzjoni fuq l-importazzjonijiet ta' lajters provenjenti mil-Laos għall-perijodu mill-2004 sal-2006 (iktar 'il quddiem ir-"rapport finali tal-OLAF"). Huwa ġabar fil-qosor l-isfond u r-riżultati tal-missjoni u spjega l-evalwazzjoni legali u l-konklużjonijiet tal-OLAF.

46. Bejn Novembru 2013 u Novembru 2014, ir-Repubblika Ċeka ppreżentat rapporti lill-Kummissjoni għat-28 każ li fihom dan l-Istat Membru qies li kellu jiġi eżentat mill-obbligu li jqiegħed dawn l-ammonti għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000 minħabba li l-irkupru kien impossibbli.

47. Wara xi skambji ta' informazzjoni, fl-20 ta' Jannar 2015, il-Kummissjoni bagħtet ittra lir-Repubblika Ċeka, li fiha hija esponiet il-pożizzjoni tagħha li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000 ma kienux issodisfatti għat-28 każ. Il-Kummissjoni talbet lil dan l-Istat Membru jikkredita l-kont tiegħu għal ammont ta' 53 976 340 koruna Ċeka (CZK) (madwar EUR 2 112 708).

48. Fis-17 ta' Marzu 2015, ir-Repubblika Ċeka, wara li esprimiet xi riżervi, ħallset 75 % ta' dan l-ammont (CZK 40 482 255, jiġifieri madwar EUR 1 584 531) fil-kont tal-Kummissjoni, wara tnaqqis tal-ispejjeż tal-ġbir ta' 25 %[22].

C. Il-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

49. Fis-16 ta' Marzu 2020, ir-Repubblika Ċeka ppreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali rikors ibbażat fuq l-arrikkiment indebitu tal-Unjoni, bl-għan li tikseb ir-rimbors ta' dan l-ammont.

[22] Sussegwentement, fit-22 ta' Diċembru 2016, ir-Repubblika Ċeka ħallset lill-Kummissjoni 5 % iktar minn dan l-ammont, li kien jikkorrispondi għat-tnaqqis tar-rata tal-ispejjeż tal-ġbir minn 25 % għal 20 %, wara emenda retroattiva tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti. Ir-Repubblika Ċeka sussegwentement irrinunzjat għat-talba tagħha għar-rimbors ta' dan l-ammont addizzjonali, b'tali mod li ma hijiex inkwistjoni f'din il-proċedura. Ara l-punti 15 u 29 tas-sentenza appellata.

50. Ir-Renju tal-Belġju u r-Repubblika tal-Polonja intervjenew insostenn tat-talbiet tar-Repubblika Ċeka.

51. Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali laqgħet ir-rikors tar-Repubblika Ċeka fir-rigward ta' parti minn dan l-ammont.

52. L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li r-Repubblika Ċeka setgħet tinvoka l-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000 sabiex tinħeles mill-obbligu tagħha li tqiegħed l-ammonti inkwistjoni għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, irrispettivament minn jekk dak l-Istat Membru kienx naqas milli jdaħħal fil-ħin fil-kont B skont it-termini stabbiliti fl-Artikolu 6(3)(b) tiegħu. Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat ukoll li r-Repubblika Ċeka kienet għamlet tali dħul fi żmien xieraq, peress li dawn it-termini kellhom jiġu kkalkolati mid-data li fiha l-intitolamenti ġew effettivament stabbiliti, u mhux mid-data li fiha kellhom jiġu stabbiliti (punti 85 sa 93 tas-sentenza appellata).

53. It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li r-Repubblika Ċeka setgħet tistabbilixxi d-dazji doganali dovuti minn Baide biss wara li rċeviet ir-rapport tal-missjoni tal-OLAF, u li dan l-Istat Membru ma kienx obbligat li jagħmel dan mar-ritorn tal-missjoni. Il-Qorti Ġenerali qieset li r-Repubblika Ċeka kellha d-dritt tistenna dan ir-rapport, u mhux li titlob għall-provi miġbura matul il-missjoni minn qabel, peress li l-OLAF kien aċċetta li jikkomunikahom fil-bidu tal-2008, iżda għamel dan tardivament dan, u peress li l-OLAF kien fl-aħjar pożizzjoni sabiex janalizza u jivverifika tali provi (punti 94 sa 126 tas-sentenza appellata).

54. It-tielet nett, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-waqfien tal-attività ta' Baide fir-Repubblika Ċeka kien jikkostitwixxi raġuni mhux imputabbli lil dan l-Istat Membru skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000, li eżonerah mill-obbligu li jagħmel disponibbli l-ammonti inkwistjoni, peress li ebda attiv ma seta' jiġi maqbud fit-territorju tiegħu (punti 127 sa 137 tas-sentenza appellata).

55. Ir-raba' nett, il-Qorti Ġenerali madankollu qieset li r-Repubblika Ċeka kienet obbligata, skont id-dritt tal-Unjoni, tikkostitwixxi garanzija għad-dazji antidumping dovuti minn Baide sa mill-adozzjoni tal-profil tar-riskju fit-22 ta' Marzu 2006. Fuq din il-bażi, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li kien hemm arrikkiment indebitu tal-Unjoni fir-rigward ta' 12 mit-28 każ ta' importazzjonijiet imwettqa qabel din id-data, iżda mhux għas-16-il każ sussegwenti.

D. Proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

56. Permezz tal-appell tagħha ppreżentat fit-22 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla l-ewwel punt tad-dispożittiv tas-sentenza appellata, tiċħad il-kawża u tikkundanna lir-Repubblika Ċeka għall-ispejjeż jew, sussidjarjament, tibgħat il-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċiedi dwar il-motivi li għadhom ma ġewx eżaminati, fejn l-ispejjeż huma rriżervati.

57. Fir-risposta tagħha ppreżentata fit-8 ta' Novembru 2022, ir-Repubblika Ċeka titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell bħala inammissibbli jew, sussidjarjament, bħala infondat u tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

58. Il-Kummissjoni u r-Repubblika Ċeka ppreżentaw ukoll replika u kontroreplika fit-13 ta' Marzu 2023 u fil-21 ta' April 2023 rispettivament.

59. Ir-Renju tal-Belġju u r-Repubblika tal-Polonja jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell u tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

60. Permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Frar 2023, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja awtorizza lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi jintervjeni insostenn tar-Repubblika Ċeka.

61. Inżammet seduta fl-10 ta' Jannar 2024, li matulha l-Kummissjoni, ir-Repubblika Ċeka kif ukoll il-Gvern Belġjan, Olandiż u Pollakk ippreżentaw osservazzjonijiet orali.

III. Analiżi

62. L-azzjoni għal arrikkiment indebitu tal-Unjoni ġiet żviluppata mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni [23].

63. Sabiex tirbaħ il-kawża, ir-Repubblika Ċeka, bħala rikorrenti, għandha tipproduċi l-prova ta' arrikkiment tal-Unjoni li għalih ma teżistix bażi legali valida kif ukoll il-prova ta' ftaqir min-naħa tagħha marbut ma' dan l-arrikkiment [24].

64. Ma huwiex ikkontestat f'din il-proċedura li l-Unjoni Ewropea hija arrikkita bit-telf korrelattiv tar-Repubblika Ċeka, peress li dan l-Istat Membru ħallas l-ammont kontenzjuż tar-riżorsi proprji tal-Unjoni, anki jekk ma kienx jaqbel mal-Kummissjoni dwar l-obbligu tiegħu li jagħmel dan. Minflok, il-qofol tat-tilwima f'din il-kawża huwa jekk kinitx teżisti bażi legali valida għal tali ħlas.

65. Jekk ir-Repubblika Ċeka tista' tinvoka b'suċċess l-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000, ma hemm l-ebda bażi legali valida li tirrikjedi l-ħlas. L-Unjoni mbagħad tiġi arrikkita indebitament u jkollha tħallas lura l-ammont inkwistjoni.

66. Il-Qorti Ġenerali kkonstatat li r-Repubblika Ċeka setgħet tinvoka l-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000 sabiex titlob rimbors ta' parti mill-ammont ikkreditat lill-baġit tal-Unjoni.

67. Fl-appell, il-Kummissjoni ssostni li r-Repubblika Ċeka stabbilixxiet u daħħlet l-ammonti tardivament, b'tali mod li hija ma setgħetx tinvoka l-Artikolu 17(2). tar-Regolament Nru 1150/2000. Għaldaqstant, dan l-Istat Membru ma ġiex meħlus mill-obbligu tiegħu li jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni l-ammonti kkontestati kollha u l-ebda ammont ma għandu jiġi rrimborsat.

68. Il-Kummissjoni tqajjem żewġ aggravji. L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq l-interpretazzjoni żbaljata mill-Qorti Ġenerali tal-Artikolu 6(3) u tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000. It-tieni aggravju huwa bbażat fuq l-interpretazzjoni żbaljata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Artikolu 2(1) u tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 1150/2000, flimkien mal-Artikolu 217(1) tal-Kodiċi Doganali u l-Artikolu 325 TFUE.

[23] Għall-ewwel darba, fis-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, Masdar (UK) vs Il-Kummissjoni (C-47/07 P, EU:C:2008:726, punti 44 sa 50), il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet l-eżistenza ta' azzjoni għal arrikkiment indebitu tal-Unjoni sabiex tiżgura protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Fis-sentenza tad-9 ta' Lulju 2020, Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Kummissjoni (C-575/18 P, EU:C:2020:530, b'mod partikolari l-punti 81 sa 84), il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li tali rikors seta' jintuża f'sitwazzjoni bħal dik f'din il-kawża. Ara Bačić Selanec, N., "A (more) complete system of remedies: Effective judicial protection of EU Member States in *Czech Republic v. Commission*", *Common Market Law Review*, Vol. 49, No. 1, 2022, p. 171. Ara, b'mod iktar ġenerali, Nowak, J., "On the incompleteness of the system of remedies established by the EU Treaties and how to proceed", *EU Law Live weekend edition*, 13 ta' Ġunju 2020.

[24] Sentenza tad-9 ta' Lulju 2020, Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Kummissjoni (C-575/18 P, EU:C:2020:530, punti 82 u 83).

69. Essenzjalment, l-ewwel aggravju jikkontesta l-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li Stat Membru jista' jinvoka l-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000 anki jekk id-dħul tiegħu fil-kont B skont l-Artikolu 6(3)(b) tiegħu kien tardiv. It-tieni aggravju jikkontesta l-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li r-Repubblika Ċeka kienet daħħlet fi żmien xieraq għaliex kellha raġun tistenna r-rapport tal-missjoni tal-OLAF.

70. Ir-Repubblika Ċeka, sostnuta mill-Gvern Belġjan, Olandiż u Pollakk, titlob li l-appell ippreżentat mill-Kummissjoni jiġi miċħud bħala inammissibbli u, fi kwalunkwe każ, infondat.

71. L-ewwel ser nispjega r-raġunijiet li għalihom inqis li l-argumenti mressqa mir-Repubblika Ċeka dwar l-ammissibbiltà tal-appell għandhom jiġu miċħuda (A). Sussegwentement, ser nuri għaliex nikkunsidra li l-ewwel (B) u t-tieni (C) aggravji huma fondati.

A. Ammissibbiltà

72. Ir-Repubblika Ċeka ssostni li ż-żewġ aggravji huma inammissibbli, peress li ma josservawx ir-rekwiżiti proċedurali kif interpretati fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar iċ-ċarezza u l-preċiżjoni tal-appell u tal-punti kkontestati tas-sentenza appellata [25]. Dan l-Istat Membru jsostni wkoll li ċerti argumenti tal-Kummissjoni huma ġodda u ma ġewx eżaminati fil-kuntest tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali [26]. B'mod partikolari, kif enfasizzat ir-Repubblika Ċeka waqt is-seduta, il-Kummissjoni bidlet il-pożizzjoni tagħha u ressqet argumenti ġodda bbażati fuq il-minuti konġunti, li hija ma ressqitx quddiem il-Qorti Ġenerali.

73. Fil-fehma tiegħi, l-argumenti tar-Repubblika Ċeka għandhom jiġu miċħuda.

74. L-ewwel nett, kuntrarjament għal dak li jsostni dan l-Istat Membru, iż-żewġ aggravji jindikaw b'mod preċiż il-punti kkontestati tas-sentenza appellata u jesponu r-raġunijiet li għalihom dawn il-punti huma, skont il-Kummissjoni, ivvizzjati bi żball ta' liġi, li jippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja teżerċita l-istħarriġ tagħha tal-legalità tagħhom.

75. It-tieni nett, kuntrarjament għal dak li ssostni r-Repubblika Ċeka, il-Kummissjoni ma qajmitx aggravji ġodda fl-appell. F'dan ir-rigward, mill-punti 94, 95 u 104 tas-sentenza appellata, kif ukoll mill-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Kummissjoni u tar-Repubblika Ċeka fil-kuntest tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali [27], jirriżulta li l-Kummissjoni bbażat ruħha fuq il-minuti konġunti sabiex issostni quddiem il-Qorti Ġenerali li r-Repubblika Ċeka kellha informazzjoni suffiċjenti sabiex tistabbilixxi, sa mhux iktar tard mir-ritorn tagħha mill-missjoni, id-dejn doganali. Sa fejn, permezz tal-argument tagħha fl-istadju tal-appell, il-Kummissjoni tipprova turi li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet b'mod żbaljat li r-Repubblika Ċeka setgħet tistenna li tistabbilixxi l-ammonti sal-kunsinna tar-rapport tal-missjoni tal-OLAF, dan huwa l-amplifikazzjoni ta' motiv imqajjem quddiem il-Qorti Ġenerali, u mhux motiv ġdid imqajjem għall-ewwel darba fl-appell.

[25] Ara, f'dan ir-rigward, pereżempju, is-sentenzi tal-20 ta' Settembru 2016, Ledra Advertising *et* vs Il-Kummissjoni u Il-BĊE (C-8/15 P sa C-10/15 P, EU:C:2016:701, punt 35), u tat-8 ta' Novembru 2022, Fiat Chrysler Finance Europe vs Il-Kummissjoni (C-885/19 P u C-898/19 P, EU:C:2022:859, punt 52).

[26] Għall-ġurisprudenza li tikkonferma li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax teżamina motivi ġodda fl-istadju tal-appell, ara, pereżempju, is-sentenzi tat-30 ta' Jannar 2019, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-587/17 P, EU:C:2019:75, punti 39 u 40), u tad-9 ta' Diċembru 2020, Groupe Canal + vs Il-Kummissjoni (C-132/19 P, EU:C:2020:1007, punt 28).

[27] F'dan ir-rigward, nirreferi għar-risposta tal-Kummissjoni (punti 70 sa 72), għar-replika tar-Repubblika Ċeka (punti 50 u 52), għall-kontroreplika tal-Kummissjoni (punti 36, 37, 40 u 44), għall-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar in-nota ta' intervent tal-Belġju (punt 19), għall-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar in-nota ta' intervent tal-Polonja (punti 7, 10 u 16) u għall-osservazzjonijiet tar-Repubblika Ċeka dwar in-nota ta' intervent tal-Belġju (punt 18).

76. Għaldaqstant, inqis li l-appell huwa ammissibbli.

B. Fuq l-ewwel aggravju

77. Permezz tal-ewwel aggravju, il-Kummissjoni tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli, fil-punti 85 sa 93 tas-sentenza appellata, interpretat b'mod żbaljat l-Artikoli 6(3) u 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000.

78. Il-qofol tal-argument tal-Kummissjoni huwa li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat b'mod żbaljat li Stat Membru seta' jinvoka l-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000 anki jekk huwa daħħal l-intitolamenti fil-kont B skont l-Artikolu 6(3) tardivament.

79. Ir-Repubblika Ċeka, sostnuta mill-Gvern Belġjan, Olandiż u Pollakk, issostni li l-interpretazzjoni magħmula mill-Kummissjoni tar-relazzjoni bejn l-Artikolu 6(3)(b) u l-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000 ma hijiex sostnuta mill-formulazzjoni u l-objettivi ta' dawn id-dispożizzjonijiet. Skont dawn l-Istati Membri, dħul tardiv fil-kont B ma jistax ikollu awtomatikament l-effett li jeskludi Stat Membru milli jistrieħ fuq l-Artikolu 17(2). Dan imur kontra l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni li fuqha hija bbażata din id-dispożizzjoni.

80. Fil-fehma tiegħi, l-interpretazzjoni tar-relazzjoni bejn l-Artikolu 6(3)(b) u l-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000 jiddependi fuq id-determinazzjoni tal-mument li fih jiddaħħal l-intitolament meqjus bħala tardiv. Jekk id-dħul isir tard meta Stat Membru ma jagħmlux qabel minħabba n-nuqqas tiegħu stess, ma hemm l-ebda raġuni sabiex dan l-Istat Membru jiġi awtorizzat jinvoka l-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000. Skont din l-aħħar dispożizzjoni, Stat Membru jista' jinħeles mill-obbligu li jikkredita l-baġit tal-Unjoni biss jekk l-irkupru tad-dejn jirriżulta irrekuperabbli għal raġunijiet mhux imputabbli lil dan l-Istat Membru [28].

81. L-ewwel ser nanalizza l-kwistjoni dwar f'liema mument Stat Membru għandu jiġi kkunsidrat bħala li daħħal intitolament tardivament u li għalhekk kiser id-dispożizzjoni tal-Artikolu 6(3) tar-Regolament Nru 1150/2000. Imbagħad ser nindirizza r-relazzjoni bejn l-Artikolu 6(3)(b) u l-Artikolu 17(2) ta' dan ir-regolament, u neżamina jekk dħul tardiv jipprekludix lil Stat Membru milli jinvoka l-Artikolu 17(2) sabiex jinħeles mill-obbligi tiegħu.

1. Meta huwa Stat Membru tard bid-dħul tal-intitolamenti?

82. Skont il-Kummissjoni, id-dħul huwa tardiv jekk ikun sar wara l-iskadenza tat-terminu kkalkolat mill-mument li fih l-Istat Membru *kellu jistabbilixxi* l-intitolament. Min-naħa l-oħra, skont ir-Repubblika Ċeka u l-Istati Membri intervenjenti, it-terminu għad-dħul tal-intitolament jista' jibda jiddekorri biss mill-mument li fih l-Istat Membru *jkun effettivament stabbilixxa* l-intitolament.

[28] Din il-pożizzjoni hija sostnuta mill-ġurisprudenza li tgħid li Stat Membru li ma jistabbilixxix ir-riżorsi proprji tal-Unjoni fuq u ma jagħmilx l-ammont korrispondenti disponibbli għall-Kummissjoni, mingħajr ma jkunu ssodisfatti l-ebda mill-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000, jonqos milli jissodisfa l-obbligi tiegħu taħt id-dritt tal-Unjoni. Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-15 ta' Novembru 2005, Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka (C-392/02, EU:C:2005:683, punt 68), u tad-9 ta' Lulju 2020, Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Kummissjoni (C-575/18 P, EU:C:2020:530, punt 67).

83. Qabelxejn, mit-test tar-Regolament Nru 1150/2000 u mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta b'mod ċar li l-istabbiliment u d-dħul tal-intitolamenti huma marbuta mill-qrib [29].

84. Mill-formulazzjoni tal-Artikolu 6(3)(a) tar-Regolament Nru 1150/2000 jirriżulta li l-intitolamenti għandhom jiddaħħlu fil-kont xieraq mhux iktar tard mill-ewwel jum tax-xogħol wara d-19-il jum tat-tieni xahar ta' wara x-*xahar li matulu jkun ġie stabbilit l-intitolament*. It-terminu għad-dħul tal-intitolament jibda jiddekorri għalhekk mill-mument li fih l-intitolament jiġi stabbilit.

85. Jekk, matul dan it-terminu, l-Istat Membru jiġbor id-dazji jew jikseb garanzija fir-rigward tagħhom, dawn l-intitolamenti għandhom jiddaħħlu fil-kont A. Jekk, għall-kuntrarju, l-Istat Membru ma jirnexxilux jirkupra d-dejn jew jekk id-dejn huwa kkontestat, tali intitolamenti jiddaħħlu fil-kont B. Mill-mument tad-dħul tal-intitolament fil-kont B, l-Istat Membru għandu, skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 1150/2000, l-obbligu li jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiġi rkuprat id-dejn u li l-ammont korrispondenti jkun disponibbli għall-Kummissjoni.

86. *It-terminu għad-dħul* tal-intitolamenti jew fil-kont A jew fil-kont B hija l-istess u tibda tiddekorri *mix*-xahar *li fih l-intitolament ikun ġie stabbilit*. Dan it-terminu jiddependi għalhekk mill-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1150/2000, li jistabbilixxi l-mument li fih għandhom jiġu stabbiliti l-intitolamenti.

87. Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 1150/2000, l-intitolament tal-Unjoni għar-riżorsi proprji għandu jiġi stabbilit "malli l-kondizzjonijiet li hemm dispożizzjoni dwarhom bir-regolamenti tad-dwana jkunu twettqu rigward id-dħul għall-intitolament fil-kontijiet u n-notifikazzjoni tad-debitur." Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 217(1) il-Kodiċi Doganali, fil-verżjoni tiegħu applikabbli fil-mument tal-fatti, jipprovdi li d-dazji doganali għandhom jiġu "kalkolat[i] mill-awtoritajiet doganali malli jkollhom id-dettalji neċessarji" [30].

88. Skont il-ġurisprudenza, l-intitolament huwa għalhekk stabbilit meta l-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru *jkunu f'pożizzjoni*, minn naħa, *li jikkalkolaw l-ammont* tad-dazju li jirriżulta minn dejn doganali u, min-naħa l-oħra, *li jiddeterminaw id-debitur* [31].

89. Minn dak li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li Stat Membru huwa tardiv bid-dħul fil-kont rilevanti (A jew B) u b'hekk jikser l-Artikolu 6(3) tar-Regolament Nru 1150/2000, jekk huwa jkun stabbilixxa l-intitolament tardivament. L-Istat Membru, min-naħa tiegħu, ikun tard fl-istabbiliment tal-intitolament jekk ikollu informazzjoni suffiċjenti (sabiex jikkalkula l-ammont u jidentifika d-debitur), iżda ma jkunx stabbilixxa d-dazju.

[29] Skont il-ġurisprudenza, teżisti "rabta indissoċjabbli" bejn l-obbligu li jiġu stabbiliti r-riżorsi proprji tal-Unjoni, dak li jiġu kkreditati fil-kont tal-Kummissjoni fit-terminu stabbilit u, dak li jitħallsu interessi fil-każ ta' dewmien. Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-21 ta' Settembru 1989, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (68/88, EU:C:1989:339, punt 17), u tat-8 ta' Marzu 2022, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (Ġlieda kontra l-Frodi u s-Sottovalutazzjoni) (C-213/19, EU:C:2022:167, punt 399).

[30] Emfasi miżjuda minni. Ara l-punt 16 ta' dawn il-konklużjonijiet u n-nota ta' qiegħ il-paġna li takkumpanjah.

[31] Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-15 ta' Novembru 2005, Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka (C-392/02, EU:C:2005:683, punti 58 sa 61 u 68), u tal-1 ta' Lulju 2010, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-442/08, EU:C:2010:390, punt 76).

90. Konsegwentement, il-formulazzjoni u l-istruttura tar-Regolament Nru 1150/2000 jissuġġerixxu li l-interpretazzjoni korretta hija dik proposta mill-Kummissjoni, jiġifieri li Stat Membru huwa tardiv bid-dħul tal-intitolamenti jekk ma jkunx osserva t-terminu kkalkolat mill-mument li fih huwa kellu jistabbilixxi dawn l-intitolamenti, u mhux mill-mument meta huwa effettivament stabbilixxiehom.

91. Il-Gvern Pollakk isostni li tali approċċ jippermetti li jittieħdu deċiżjonijiet arbitrarji. Skont dan l-Istat Membru, data ipotetika li fiha l-awtoritajiet nazzjonali kellhom jistabbilixxu id-dejn doganali hija impossibbli li tiġi osservata fil-prattika.

92. Jiena ma naqbilx mal-opinjoni tal-Gvern Pollakk li d-deċiżjoni meta l-Istat Membru kellu jistabbilixxi l-intitolament hija arbitrarja. Din hija bbażata fuq jekk l-awtoritajiet tal-Istat Membru kellhomx biżżejjed informazzjoni (dwar l-ammont u dwar id-debitur) meta jiġi allegat li l-Istat Membru kellu jistabbilixxi d-dazju. Jekk l-Istat Membru ma jkollux jew ma setax ikollu informazzjoni suffiċjenti, ma huwiex obbligat li jistabbilixxi l-intitolament, peress li l-obbligu jitnissel biss ladarba l-Istat Membru jkollu informazzjoni suffiċjenti.

93. Madankollu, jekk jista' jintwera li Stat Membru kellu, jew seta' kellu, li kieku aġixxa b'mod proattiv, l-informazzjoni kollha neċessarja, iżda ma aġixxiex, ikun hemm dewmien fl-istabbiliment, u għalhekk anki fid-dħul, tal-intitolament. Jekk l-Istat Membru jibqa' passiv sabiex jikseb l-informazzjoni neċessarja, huwa ma jistax isostni li huwa ma setax jistabbilixxi l-intitolament iktar kmieni.

94. Tali interpretazzjoni hija konformi man-neċessità li jiġu interpretati b'mod strett l-obbligi tal-Istati Membri relatati mal-istabbiliment u mad-dħul tal-intitolamenti tal-Unjoni fuq ir-riżorsi proprji minħabba l-vulnerabbiltà tas-sistema ta' riżorsi proprji tal-Unjoni, li tiddependi kompletament fuq il-kooperazzjoni proattiva tal-Istati Membri [32].

95. L-interpretazzjoni li t-terminu għal Stat Membru sabiex idaħħal l-intitolamenti għar-riżorsi proprji għandu jiġi kkalkolat mill-mument meta l-intitolamenti kellhom jiġu stabbiliti, u mhux mill-mument meta kienu fil-fatt stabbiliti, hija sostnuta wkoll mill-ġurisprudenza bikrija [33]. F'dan is-sens, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, anki jekk żball tal-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru jkollu l-effett li d-debitur ma jkunx meħtieġ iħallas l-ammont tad-dazji doganali kkonċernati, dan ma jaffettwax l-obbligu tal-Istat Membru inkwistjoni li jħallas id-dazji li *jmisshom ġew stabbiliti* fil-kuntest tat-tqegħid għad-dispożizzjoni tar-riżorsi proprji [34]. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja reċentement iddeċidiet fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit [35] li r-Renju Unit ma kienx daħħal fil-kontijiet id-dazji doganali dovuti kollha u lanqas,

[32] Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Geelhoed, Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka (C-392/02, EU:C:2005:142, punt 58). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Darmon, Il-Kummissjoni vs L-Italja (54/87, mhux ippubblikati, EU:C:1988:537, punt 4) u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja *et* (C-284/05, C-294/05, C-372/05, C-387/05, C-409/05, C-461/05 u C-239/06, EU:C:2009:67, punt 94).

[33] Ara, pereżempju, is-sentenza tal-10 ta' Jannar 1980, Il-Kummissjoni vs L-Italja (267/78, EU:C:1980:6, punt 15). Għal ħarsa ġenerali lejn il-ġurisprudenza f'dan il-qasam, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Geelhoed, Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka (C-392/02, EU:C:2005:142, b'mod partikolari l-punti 53 sa 59).

[34] Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-15 ta' Novembru 2005, Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka (C-392/02, EU:C:2005:683, punt 63); tad-19 ta' Marzu 2009, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-275/07, EU:C:2009:169, punt 100); tas-17 ta' Marzu 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-23/10, mhux ippubblikata, EU:C:2011:160, punt 60); u tat-3 ta' April 2014, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (C-60/13, mhux ippubblikata, EU:C:2014:219, punt 45).

[35] Ara s-sentenza tat-8 ta' Marzu 2022, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (Ġlieda kontra l-Frodi u s-Sottovalutazzjoni) (C-213/19, EU:C:2022:167, punt 347).

konsegwentement, ma kien la stabbilixxa u lanqas qiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni r-riżorsi proprji kollha relatati ma' dawn l-importazzjonijiet fil-mument meta dawn *kellhom jiġu stabbiliti* u mqiegħda għad-dispożizzjoni [36].

96. Konsegwentement, f'dak li jirrigwarda l-kwistjoni ta' meta Stat Membru jkun daħħal l-intitolamenti tardivament, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja taċċetta l-interpretazzjoni mressqa mill-Kummissjoni li t-terminu għad-dħul tal-intitolament jibda jiddekorri mill-mument li fih l-Istat Membru kellu jistabbilixxi l-intitolament, u mhux mill-mument li fih huwa effettivament stabbilixxieh.

2. Jista' Stat Membru jinvoka l-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000 jekk ikun daħħal l-intitolament tardivament?

97. Sabiex issostni l-argument tagħha li Stat Membru ma jistax jinvoka l-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000 jekk stabbilixxa u daħħal b'mod tardiv l-intitolament, il-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq is-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Italja [37]. Il-Kummissjoni tqis li minn din is-sentenza jirriżulta li l-Artikolu 17(2) huwa applikabbli biss jekk il-proċedura doganali kollha tkun ġiet implimentata b'osservanza tad-dritt tal-Unjoni, b'tali mod li t-termini għall-istabbiliment tad-dazji doganali u d-dħul tagħhom fil-kont B jiġu osservati.

98. Ir-Repubblika Ċeka, sostnuta mill-Gvern Belġjan, Olandiż u Pollakk, issostni li s-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Italja ma hijiex applikabbli f'dan il-każ, peress li kienet tirriżulta minn ċirkustanzi differenti.

99. Jiena intendi li naqbel ma' dawn l-Istati Membri li l-konklużjoni proposta mill-Kummissjoni ma tirriżultax direttament mis-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Italja.

100. Din is-sentenza oriġinat minn sitwazzjoni li fiha l-awtoritajiet doganali Taljani kienu taw awtorizzazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni, li kienet wasslet għal miżapproprijazzjoni ta' riżorsi proprji li jammontaw għal iktar minn EUR 22 miljun. Ir-Repubblika Taljana daħħlet dan l-ammont fil-kont B skont l-Artikolu 6(3)(b) tar-Regolament Nru 1150/2000 u sussegwentement ipprovat tinvoka l-Artikolu 17(2) tiegħu, minħabba li l-ksur ma kienx imputabbli lilha [38].

101. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Italja kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha billi ma qegħditx l-ammonti inkwistjoni għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni. B'mod partikolari, fil-punt 65 tas-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Italja, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex Stat Membru jiġi eżentat mill-obbligu tiegħu li jqiegħed għad-dispożizzjoni intitolamenti stabbiliti, jeħtieġ mhux biss li l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000 jiġu ssodisfatti, iżda wkoll li dawn l-intitolamenti jkunu ddaħħlu regolarment fil-kont B. Kif spjegat il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 68 ta' dik is-sentenza, id-dħul fil-kont B tirrifletti sitwazzjoni eċċezzjonali. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, fil-punt 69 ta' din is-sentenza,

[36] Fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka (C-392/02, EU:C:2005:142, punt 56) l-Avukat Ġenerali Geelhoed irrileva wkoll li d-determinazzjoni tad-data li minnha ġew effettivament stabbiliti l-intitolamenti minflok il-mument meta dawn kellhom jiġu stabbiliti hija inkompatibbli mas-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni.

[37] Sentenza tat-8 ta' Lulju 2010 (C-334/08, EU:C:2010:414).

[38] Ara Il-Kummissjoni vs L-Italja, punti 13 sa 19.

li, "sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw minn tali sitwazzjoni eċċezzjonali, huwa neċessarju li d-dħul tal-intitolamenti stabbiliti fil-Kont B jkun sar mill-Istati Membri *b'osservanza tad-dritt tal-Unjoni*" [39].

102. Fuq din il-bażi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, li kieku l-aġir tal-awtoritajiet nazzjonali kien konformi mad-dritt tal-Unjoni, l-intitolamenti kienu jiġu stabbiliti u mdaħħla fil-kont A. B'hekk, l-Italja ma setgħetx issostni li l-kundizzjonijiet għad-dħul fil-kont B kienu ssodisfatti minħabba li billi naqset milli tistabbilixxi l-intitolamenti, l-Italja stess kienet ikkawżat il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 6(3)(b) tar-Regolament Nru 1150/2000. Peress li l-awtoritajiet Taljani, b'mod irregolari, daħħlu r-riżorsi proprji fil-kont B, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000 ma japplikawx għalihom [40].

103. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, is-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Italja tirrigwarda sitwazzjoni li fiha l-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000 tqies inapplikabbli minħabba li l-intitolamenti kienu ddaħħlu b'mod żbaljat fil-kont B meta kellhom jiddaħħlu fil-kont A, u mhux għaliex l-intitolamenti kienu ddaħħlu tardivament fil-kont B [41].

104. F'dan il-każ, ma huwiex ċert li, kieku r-Repubblika Ċeka kienet stabbilixxiet l-intitolamenti iktar kmieni, hija kienet tkun tista' tinkludihom fil-kont A. Huwa probabbli ħafna li kien ikollha xorta waħda ddaħħal l-intitolamenti fil-kont B. Madankollu, dak li jirrendi d-dħul tiegħu fil-Kont B tardiv, huwa li dan l-Istat Membru baqa' passiv fil-mument meta kien possibbli li tinkiseb l-informazzjoni neċessarja għall-istabbiliment tal-intitolamenti.

105. Fis-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Italja, il-Qorti tal-Ġustizzja ma eżaminatx speċifikament jekk, "b'osservanza tad-dritt tal-Unjoni" fil-punt 69 ta' din is-sentenza indirizzatx is-sitwazzjoni li fiha l-intitolament huwa mdaħħal korrettament fil-kont B, iżda d-dħul stess setax iseħħ qabel. Għaldaqstant, din is-sentenza ma twassalx, waħedha, għall-konklużjoni li dħul tardiv jimpedixxi awtomatikament lil Stat Membru milli jinvoka l-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000.

106. Madankollu, is-sens tas-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Italja, jissuġġerixxi li interpretazzjoni korretta tar-relazzjoni bejn l-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000 huwa li Stat Membru ma jistax jistrieħ fuq l-Artikolu 17(2) jekk huwa jistabbilixxi u jdaħħal l-intitolament tardivament.

107. Ir-Repubblika Ċeka ssostni li tali interpretazzjoni tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000 tmur kontra l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jillibera lil Stat Membru meta ma jkunx il-kawża tal-impossibbiltà li jiġu rkuprati d-dazji u ma setax jipprevjeniha.

[39] Enfasi miżjuda minni.

[40] Ara s-sentenza tat-8 ta' Lulju 2010, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-334/08, EU:C:2010:414, punti 70 sa 73). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Kokott fil-kawża Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-334/08, EU:C:2010:187, punti 68 sa 78, b'mod partikolari l-punt 76) ("id-dħul fil-Kont B huwa esklużmeta l-Istat Membru stess ikun ħoloq il-kundizzjonijiet meħtieġa għal dħul fil-Kont B. Dan ir-raġunament isegwi l-prinċipju legali li jipprovdi li ħadd ma jista' jislet benefiċċju mill-aġir illegali tiegħu stess.")

[41] Ara wkoll, f'dan ir-rigward, is-sentenza tat-3 ta' April 2014, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (C-60/13, mhux ippubblikata, EU:C:2014:219, b'mod partikolari l-punti 51 sa 54), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet għall-punti 61 u 65 tas-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Italja sabiex tikkonkludi li l-Italja ma setgħetx tinvoka l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000 f'sitwazzjoni fejn dan l-Istat Membru kien għadu ma daħħalx l-intitolamenti fil-kont B.

108. Fil-fehma tiegħi, l-intenzjoni wara l-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000 huwa bbażat fuq il-fatt li d-dazji doganali huma sors dirett tal-baġit tal-Unjoni, dovut mill-importaturi, u mhux mill-Istati Membri. Dawn tal-aħħar huma biss l-intermedjarju tal-ġbir ta' dan id-dħul. Għalhekk, jekk l-impossibbiltà li jiġi rkuprat id-dejn tkun imputabbli lill-importatur, u mhux lill-Istat Membru tal-importazzjoni, il-baġit tal-Unjoni ikollu jaċċetta t-telf.

109. Għall-kuntrarju, l-Artikolu 17(2) ma jikkonċernax sitwazzjoni fejn l-impossibbiltà li jiġi rkuprat id-dejn *tkun* imputabbli lill-Istat Membru, inkluż minħabba n-nuqqas ta' impenn proattiv sabiex jiġi stabbilit u rkuprat id-dejn fil-ħin.

110. Kif diġà spjegajt, l-istabbiliment u d-dħul tardivi huma imputabbli lill-Istat Membru. L-istabbiliment tardiv ifisser preċiżament li Stat Membru ma stabbilixxiex l-intitolament, anki jekk seta' jagħmel dan. L-Istat Membru ma jistax jallega li huwa ma setax jistabbilixxi l-intitolament iktar kmieni jekk baqa' passiv sabiex jikseb l-informazzjoni neċessarja.

111. Għalhekk, interpretazzjoni li Stat Membru ma jistax jistrieħ fuq l-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000 jekk huwa stabbilixxa u daħħal l-intitolament tardivament ma jmurx kontra l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni, kif mifhuma mir-Repubblika Ċeka.

112. Kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, il-ħelsien mill-obbligi kif previst fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000 huwa, min-natura tiegħu stess, eċċezzjonali, u Stat Membru jista' jistrieħ fuqu biss għal raġuni mhux imputabbli lilu [42]. Interpretazzjoni daqshekk stretta tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000 huwa ġġustifikat mill-ħtieġa li l-Istati Membri jiġu inċentivati jistabbilixxu u jiġbru b'mod proattiv ir-riżorsi proprji tal-Unjoni, peress li dan id-dħul jiddependi kompletament fuq l-aġir kooperattiva tal-Istati Membri (ara wkoll il-punt 94 ta' dawn il-konklużjonijiet).

113. Barra minn hekk, il-Kummissjoni issostni li kieku Stat Membru kien intitolat jistrieħ fuq l-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000 anki jekk l-assenza tal-istabbiliment ta' intitolament imputabbli lilu, dan ikollu konsegwenzi dannużi għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

114. Ir-Repubblika Ċeka u l-Istati Membri intervenjenti jsostnu li ma jista' jkun hemm l-ebda konsegwenza dannuża ta' dan it-tip; jekk in-nuqqas ta' rkupru tad-dejn doganali jirriżulta minn stabbiliment tardiv tad-dazji doganali imputabbli lill-awtoritajiet nazzjonali, allura l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000 ma humiex issodisfatti. B'hekk, il-baġit tal-Unjoni ma jsofri l-ebda dannu.

115. L-argument imressaq minn dawn l-Istati Membri jippermetti li jiġi konkluż li l-fatt li Stat Membru jista' jinvoka jew le l-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000 jekk kien tardiv bl-istabbiliment u d-dħul tal-intitolamenti ma jbiddel xejn, peress li, f'tali sitwazzjoni, l-Istat Membru ma setax jiġi eżentat mill-obbligu tiegħu li jqiegħed l-ammont rilevanti għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni. Għaldaqstant, hija tistaqsi dwar ir-raġunijiet li għalihom Stat Membru, li stabbilixxa l-intitolament iktar tard milli missu għamel, għandux jitħalla jinvoka l-Artikolu 17(2), jekk huwa diġà magħruf minn qabel li l-kundizzjonijiet imposti minn din id-dispożizzjoni ma humiex issodisfatti.

[42] Ara s-sentenza tat-8 ta' Marzu 2022, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (Ġlieda kontra l-Frodi u s-Sottovalutazzjoni) (C-213/19, EU:C:2022:167, punt 381).

116. Fil-fehma tiegħi, li kieku kellha tiġi aċċettata l-interpretazzjoni li Stat Membru jkun jista' jinvoka l-Artikolu 17(2) anki jekk ikun tardiv, dan jista' jaffettwa l-effettività tas-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni, peress li dan jippermetti eċċezzjonijiet għall-obbligu tal-Istati Membri li jistabbilixxu u jdaħħlu l-intitolamenti fil-ħin.

117. Bħala argument addizzjonali kontra l-interpretazzjoni proposta mill-Kummissjoni, il-Gvern Belġjan u dak Olandiż jenfasizzaw li l-emendi ulterjuri tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament Nru 609/2014, li ssostitwixxa l-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000 [43] jappoġġjaw il-pożizzjoni li dħul tardiv ma jistax awtomatikament jipprekludi Stat Membru milli jistrieħ fuq il-ħelsien tiegħu.

118. Dan l-argument ma jikkonvinċinix lanqas.

119. L-Artikolu 13(2) tar-Regolament 609/2014 introduċa sitwazzjoni addizzjonali fejn Stat Membru jista' jinħeles mill-obbligi tiegħu fir-rigward tar-riżorsi proprji. Fil-parti rilevanti tiegħu, huwa jipprevedi li:

"L-Istati Membri għandhom bl-istess mod jinħelsu mill-obbligu li jpoġġu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni l-ammonti li jikkorrispondu *għal intitolamenti stabbiliti skont l-Artikolu 2* fejn jagħtu prova li żball li twettaq mill-Istat Membru *wara l-istabbiliment ta' dawn l-intitolamenti*, bħal żball li jwassal għal entrata tardiva fil-kontijiet separati, ma kellu ebda influwenza fuq l-irrekuperabbiltà tal-ammont li jikkorrispondi għall-intitolamenti skont l-Artikolu 2." [44]

120. Kif jirriżulta mill-formulazzjoni tagħha, din id-dispożizzjoni tirrigwarda żbalji amministrattivi mwettqa *wara* l-istabbiliment korrett tal-intitolamenti. Għaldaqstant, din id-dispożizzjoni tidher li tikkonċerna sitwazzjoni differenti minn dik f'din il-kawża, li tirrigwarda l-istabbiliment fi żmien utli.

121. Konsegwentement, dan l-argument ma jinvalidax il-konklużjoni li Stat Membru li jistabbilixxi u jdaħħal l-intitolamenti tardivament ma jistax jistrieħ fuq l-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000.

122. Għaldaqstant, abbażi tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, inqis li l-ewwel aggravju huwa fondat.

C. Fuq it-tieni aggravju

123. Permezz tat-tieni aggravju, il-Kummissjoni tilmenta li fil-punti 94 sa 126 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat l-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 1150/2000, flimkien mal-Artikolu 217(1) tal-Kodiċi Doganali u l-Artikolu 325 TFUE, billi qieset li r-Repubblika Ċeka kellha d-dritt tistenna r-rapport tal-missjoni tal-OLAF qabel ma tipproċedi għall-istabbiliment u d-dħul tal-intitolamenti inkwistjoni.

[43] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 15 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[44] Enfasi miżjuda minni.

124. Skont il-Kummissjoni, il-provi annessi mal-minuti konġunti kienu suffiċjenti sabiex jippermettu lir-Repubblika Ċeka jistabbilixxu d-dejn doganali sa mhux iktar tard mir-ritorn tagħha mill-missjoni. Peress li ma ntalbux il-provi mill-OLAF mar-ritorn tal-missjoni, id-dejn doganali ġie stabbilit tardivament u l-ammonti li jikkorrispondu għal dan id-dejn iddaħħlu tard fil-kont B.

125. Ir-Repubblika Ċeka, sostnuta mill-Gvern Belġjan, Olandiż u Pollakk, issostni li hija setgħet leġittimament tistenna li l-OLAF josserva l-impenji tiegħu, skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali previst fl-Artikolu 4(3) TUE, u ma tistax tkun responsabbli għad-dewmien tal-OLAF. Skont dan l-Istat Membru, l-OLAF kien jaf li r-Repubblika Ċeka kienet qed tistenna l-evalwazzjoni tal-OLAF u t-trażmissjoni tal-provi miġbura matul il-missjoni. Għalhekk, ir-Repubblika Ċeka ma tistax tiġi kkritikata talli ma talbitx dawn il-provi qabel.

126. Fil-fehma tiegħi, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' interpretazzjoni tad-dritt applikabbli meta kkunsidrat li r-Repubblika Ċeka setgħet tistenna r-rapport tal-missjoni tal-OLAF sabiex tistabbilixxi l-intitolamenti tal-Unjoni fuq ir-riżorsi proprji fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ.

127. Kif indikat il-Kummissjoni, l-Artikoli 2(1) u 17(1) tar-Regolament Nru 1150/2000, flimkien mal-Artikolu 217(1) tal-Kodiċi Doganali, *jobbligaw l-Istati Membri* jieħdu, malajr kemm jista' jkun, il-miżuri kollha meħtieġa sabiex jistabbilixxu l-intitolamenti tal-Unjoni fuq ir-riżorsi proprji.

128. Skont l-Artikolu 325(1) TFUE, li fuqu tistrieħ ukoll il-Kummissjoni, *huma l-Istati Membri* li għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiggarantixxu l-irkupru effettiv u sħiħ tad-dazji u għalhekk tal-ammonti korrispondenti ta' riżorsi proprji [45].

129. Minn dawn id-dispożizzjonijiet jirriżulta li l-obbligu tal-istabbiliment tal-intitolamenti jaqa' fuq l-Istati Membri.

130. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma tali pożizzjoni. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, "fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, il-ġestjoni tas-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni *hija fdata lill-Istati Membri u taqa' taħt ir-responsabbiltà esklużiva ta' dawn tal-aħħar*." [46]

131. Huwa minnu li l-prinċipju ta' kooperazzjoni leali jorbot lill-Istati Membri u lill-OLAF jikkooperaw bejniethom [47].

[45] Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-5 ta' Ġunju 2018, Kolev *et* (C-612/15, EU:C:2018:392, punti 51 u 52), kif ukoll tat-8 ta' Marzu 2022, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (Ġlieda kontra l-Frodi u s-Sottovalutazzjoni) (C-213/19, EU:C:2022:167, punti 346 u 359).

[46] Sentenza tat-8 ta' Marzu 2022, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (Ġlieda kontra l-Frodi u s-Sottovalutazzjoni) (C-213/19, EU:C:2022:167) (C-213/19 P, punt 345). Enfasi miżjuda minni.

[47] Skont il-ġurisprudenza, l-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 1150/2000 huwa espressjoni speċifika tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE. Ara s-sentenzi tal-5 ta' Ottubru 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-105/02, EU:C:2005:637, punt 87), u tal-5 ta' Ottubru 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-377/02, EU:C:2006:638, punt 93). L-istess japplika għall-Artikolu 325(3) TFUE, li jistieden lill-Istati Membri sabiex "jikkordinaw l-azzjoni tagħhom li tkun immirata sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni kontra l-frodi. Għal dan l-għan huma għandhom jorganizzaw, flimkien mal-Kummissjoni, koperazzjoni mill-qrib u regolari bejn l-awtoritajiet kompetenti." Ara s-sentenza tat-8 ta' Marzu 2022, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (Ġlieda kontra l-Frodi u s-Sotto-evalwazzjoni) (C-213/19, EU:C:2022:167, punt 261).

132. Madankollu, il-fatt li, skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni [48], l-OLAF għandu jinforma lill-Istati Membri (u lill-Parlament Ewropew) u jirrapporta u li dawn ir-rapporti jikkostitwixxu provi ammissibbli fl-Istati Membri, ma jbiddilx ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri fis-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni.

133. Għalhekk, il-fatt li l-OLAF ma bagħatx lir-Repubblika Ċeka l-informazzjoni neċessarja kif imwiegħda ma jistax jiskuża n-nuqqas ta' teħid ta' pożizzjoni proattiva minn dan l-Istat Membru u jitlob din l-informazzjoni mingħand l-OLAF.

134. Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OLAF issostni din il-pożizzjoni.

135. Ir-Regolament Nru 1073/1999 jipprevedi li "t-tqassim u l-bilanċ ta' responsabbilitajiet preżenti bejn il-livelli nazzjonali u tal-Komunità għandhom jinżammu" u li dan ir-regolament "b'ebda mod ma jnaqqas il-poteri u r-responsabbilitajiet ta' l-Istati Membri li jieħdu passi sabiex jikkumbattu frodi li jaffettwa l-interessi finanzjarji tal-[Unjoni]" [49].

136. Barra minn hekk, l-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 1073/1999 jipprevedi li l-OLAF "jista' *f'kull ħin* jibgħat lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri nteressati l-informazzjoni miksuba waqt investigazzjonijiet esterni." [50]

137. Bl-istess mod, l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Nru 515/97 jindika li l-informazzjoni miksuba fil-kuntest tal-missjonijiet għandha titwassal mill-OLAF lill-awtoritajiet nazzjonali "jekk dawn jitolbu hekk".

138. Il-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jimmilitaw favur interpretazzjoni li Stat Membru ma jistax jiġi skużat talli jkun tardiv għaliex stenna b'mod passiv li l-informazzjoni tiġi trażmessa mill-OLAF.

139. Din il-pożizzjoni hija kkorroborata mill-ġurisprudenza. Fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit [51], dwar il-frodi doganali fuq il-prodotti tessili u ż-żraben li joriġinaw miċ-Ċina, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-Renju Unit kien naqas, *inter alia*, milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-dritt tar-riżorsi proprji tal-Unjoni li jqiegħed ir-RPT għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, peress li l-applikazzjoni tad-dritt doganali tal-Unjoni hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri, li huma l-uniċi responsabbli għalih, ir-Renju Unit kien obbligat japplika l-miżuri xierqa sabiex jistabbilixxi korrettament dawn il-valuri u għalhekk ma setax jibbenefika min-nuqqas ta' azzjoni tiegħu sabiex jiġġustifika l-assenza ta' tqegħid

[48] Ara, f'dan ir-rigward, l-Artikoli 20 u 21 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi ta' l-Istati Membri u l-koperazzjoni bejn dawn ta' l-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2 Vol. 8, p. 217-232); l-Artikolu 9 u l-premessi 13 u 16 tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1073/1999 (KE) tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1 Vol. 3, p. 91-97). Dan l-aħħar regolament sussegwentement tħassar bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU 2013, L 248, p. 1).

[49] Premessi 3 u 21 tar-Regolament Nru 1073/1999. Termini simili jinsabu rispettivament fil-premessi 2 u 49 tar-Regolament Nru 883/2013. Ara wkoll il-premessa 2 tad-Deċiżjoni 1999/352, li tfakkar li "l-allokazzjoni u l-bilanċ kurrenti kif jinsabu bejn il-livelli nazzjonali u tal-[Unjoni] għandhom jinżammu".

[50] Enfasi miżjuda minni. Ara wkoll il-premessa 15 tar-Regolament Nru 1073/1999. Termini simili jinsabu rispettivament fl-Artikolu 12(1) u l-premessa 35 tar-Regolament Nru 883/2013.

[51] Ara s-sentenza tat-8 ta' Marzu 2022, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (Ġlieda kontra l-Frodi u s-Sottovalutazzjoni) (C-213/19, EU:C:2022:167, b'mod partikolari l-punti 404 u 533).

għad-dispożizzjoni tar-riżorsi proprji. L-informazzjoni pprovduta mill-OLAF tista' l-iktar l-iktar tikkostitwixxi għodda addizzjonali, iżda ma tissostitwix l-informazzjoni li l-Istati Membri għandhom jiksbu [52].

140. Dan iwassalni sabiex nikkonkludi li, fiċ-ċirkustanzi partikolari ta' din il-kawża, ir-Repubblika Ċeka ma tistax tiġi skużata tal-istabbiliment u d-dħul tardiv tal-intitolamenti għar-riżorsi proprji fl-istennija tar-rapport ta' missjoni tal-OLAF qabel ma tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tistabbilixxi l-intitolamenti dovuti minn Baide.

141. Għandu jitfakkar li, skont is-sekwenza tal-avvenimenti esposti fil-punti 26 sa 44 ta' dawn il-konklużjonijiet:

— Ir-Repubblika Ċeka adottat il-profil ta' riskju fl-2006, b'tali mod li hija kienet taf bil-frodi preżunta tad-dazji antidumping tal-Unjoni.

— Il-missjoni ta' Novembru 2007 kkonfermat l-eżistenza ta' frodi doganali u, kif jirriżulta mill-minuti konġunti, matul din il-missjoni, l-awtoritajiet Ċeki ġew informati b'dokumenti li juru li Baide kienet evitat dazji antidumping tal-Unjoni għal diversi importazzjonijiet ta' lajters tal-but.

— Ir-Repubblika Ċeka stenniet li tirċievi r-rapport tal-missjoni tal-OLAF f'Lulju 2008 u l-verżjoni bil-lingwa Ċeka f'Awwissu 2008. Kif ikkonfermat ir-Repubblika Ċeka waqt is-seduta, hija ma kkomunikatx mal-OLAF sabiex tipprova tikseb id-dokumenti iktar kmieni. Ir-Repubblika Ċeka ma għamlet xejn, peress li l-OLAF wiegħed li l-informazzjoni kienet ser tiġi trażmessa.

— Ir-Repubblika Ċeka bdiet taġixxi biss f'Awwissu 2008, jiġifieri madwar disa' xhur wara l-missjoni ta' Novembru 2007.

— Ir-Repubblika Ċeka stabbilixxiet u daħħlet l-intitolamenti tal-Unjoni fuq ir-riżorsi proprji biss mix-xahar ta' Settembru 2008, jiġifieri kważi għaxar xhur wara l-missjoni ta' Novembru 2007.

142. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jidhirlix li huwa oġġettivament raġonevoli għal Stat Membru li jistenna mill-inqas disa' xhur wara li jkun ikkonferma l-eżistenza ta' frodi.

143. Għalhekk, ir-Repubblika Ċeka effettivament stabbilixxiet u daħħlet tardivament l-intitolamenti tal-Unjoni għar-riżorsi proprji minħabba s-sempliċi fatt li hija stenniet b'mod passiv li l-informazzjoni tiġi pprovduta mill-OLAF.

144. Dan ma jiskużax lill-OLAF talli ma bagħatx l-informazzjoni mwiegħda. Nista' naqbel mal-argumenti tal-Gvern Belġjan li s-servizzi tal-Kummissjoni, bħall-OLAF, ma għandhomx jitħallew ikunu laxki fit-twettiq ta' dmirijiethom.

145. Madankollu, il-ksur mill-OLAF tal-obbligi tiegħu ma jeżentax lil Stat Membru mill-obbligu tiegħu li jagħmel dak kollu li huwa neċessarju sabiex jistabbilixxi u jdaħħal fil-ħin l-intitolamenti għar-riżorsi proprji tal-Unjoni.

[52] Ara s-sentenza tat-8 ta' Marzu 2022, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (Ġlieda kontra l-Frodi u s-Sottovalutazzjoni) (C-213/19, EU:C:2022:167, C-213/19, punti 374, 377, 378 u 392 sa 394). Ara wkoll il-punt 322 ta' din is-sentenza, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "l-azzjonijiet ta' kontrolli doganali mwettqa fil-livell tal-Unjoni huma ċertament intiżi sabiex isostnu lill-Istati Membri, iżda ma jistgħux jissostitwixxu l-azzjoni ta' kontroll u ta' protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni imposta fuqhom."

146. Kuntrarjament għal dak li ssostni r-Repubblika Ċeka, l-impenji meħuda mill-OLAF huma irrilevanti, peress li ma jissostitwixxux ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri li jagħmlu dak kollu li huwa possibbli.

147. Għaldaqstant, abbażi tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, inqis li t-tieni aggravju huwa fondat.

IV. Konsegwenzi

148. Fil-fehma tiegħi, l-ewwel u t-tieni aggravju huma fondati. Konsegwentement, il-punt 1 tad-dispożittiv tas-sentenza appellata għandu jiġi annullat.

149. Skont it-tieni sentenza tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tista', fil-każ ta' annullament tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, hija stess tiddeċiedi definittivament il-kawża, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża. Inqis li dan huwa l-każ f'din il-kawża.

150. Mill-analiżi tiegħi tal-ewwel aggravju jirriżulta li Stat Membru ma jistax jinvoka l-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000 jekk jistabbilixxi u jdaħħal l-intitolamenti tardivament. Mill-analiżi tiegħi tat-tieni aggravju jirriżulta wkoll li, fiċ-ċirkustanzi partikolari ta' dan il-każ, ir-Repubblika Ċeka stabbilixxiet u daħħlet tardivament l-intitolamenti inkwistjoni. Konsegwentement, ir-Repubblika Ċeka ma tistax tinvoka l-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1150/2000, sabiex tinħeles mill-obbligu tagħha li tqiegħed l-ammonti inkwistjoni għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, u li kellu jikkredita l-kont tal-Kummissjoni. Għaldaqstant, kienet teżisti bażi legali valida għall-ħlas, u ma kienx hemm arrikkiment indebitu tal-Unjoni f'dan il-każ. Għalhekk nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad ir-rikors għal arrikkiment indebitu tal-Unjoni ppreżentat mir-Repubblika Ċeka quddiem il-Qorti Ġenerali.

V. Spejjeż

151. Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, fejn l-appell huwa fondat u l-Qorti tal-Ġustizzja taqta' l-kawża definittivament hija stess, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż.

152. Skont l-Artikolu 138(1) ta' dawn ir-regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 184(1) tagħhom, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ġew mitluba mill-parti li tirbaħ. Peress li l-Kummissjoni talbet li jitħallsu l-ispejjeż, u r-Repubblika Ċeka tilfet, hemm lok li hija tiġi ordnata tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti mill-Kummissjoni fl-ewwel istanza u fil-proċedura tal-appell.

153. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 140(1) tar-Regoli tal-Proċedura, li huwa applikabbli wkoll għall-proċeduri ta' appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) ta' dawn ir-regoli, l-Istati Membri intervenjenti fil-kawża għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom. Għaldaqstant, hemm lok li r-Renju tal-Belġju u r-Repubblika tal-Polonja jiġu kkundannati jbatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom relatati kemm mal-proċedura fl-ewwel istanza kif ukoll ma' dik tal-appell, filwaqt li r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi għandu jbati l-ispejjeż tiegħu relatati mal-proċedura tal-appell.

VI. Konklużjoni

154. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha:

– tikkonstata li l-ewwel u t-tieni aggravju huma fondati;

– tannulla l-punt 1 tad-dispożittiv tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Mejju 2022, Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Kummissjoni (T-151/20, EU:T:2022:281);

– tiċħad ir-rikors għal arrikkiment indebitu tal-Unjoni ppreżentat mir-Repubblika Ċeka quddiem il-Qorti Ġenerali;

– tordna lir-Repubblika Ċeka tħallas l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea fl-ewwel istanza u fil-proċedura tal-appell;

– tikkundanna lir-Renju tal-Belġju u lir-Repubblika tal-Polonja jbatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom relatati mal-proċedura fl-ewwel istanza u mal-proċedura tal-appell u tikkundanna lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi ibati l-ispejjeż rispettivi tiegħu relatati mal-proċedura tal-appell.